

minħabba l-istatus differenti tal-prodotti rispettivi, dan jikkostitwixxi użu tas-sinjal mill-operatur tas-suq online "fejn għandhom x'jaqsmu" mal-prodotti li jiksru t-trade mark skont is-sens tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva dwar it-trade marks u l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja?

- 7) Meta l-prodotti rreklamati u offerti għall-bejgħ fuq is-sit imsemmija fis-sitt domanda iktar 'il fuq ikunu jinkludu prodotti li ma jkunux tqiegħdu fuq is-suq fiż-ŻEE minn jew bil-kunsens tal-proprietarju tat-trade mark, huwa bīżejjed għal użu bħal dan li jaqa' fil-marġni tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva dwar it-trade marks u l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja u barra mill-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar it-trade marks u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, b'mod li r-reklamar jew offerta għal bejħi ikunu diretti lejn konsumaturi fit-territorju kopert mit-trade mark jew għandu l-proprietarju tat-trade mark juri li r-reklam jew l-offerta għal bejħi neċċessarjament tfisser li jitqiegħdu l-prodotti inkwistjoni fis-suq fit-territorju kopert mit-trade mark?
- 8) Ir-risposti għall-ħames, is-sitt u s-seba' domandi iktar 'il fuq jagħmli differenza jekk l-użu li jilmenta dwaru l-proprietarju tat-trade mark jikkonsisti fil-wiri tas-sinjal fuq is-sit tal-operatur tas-suq online stess minflok fil-link sponzizzat?
- 9) Sabiex tali użu jaqa' fil-marġni tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva dwar it-trade marks u l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja u barra mill-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar it-trade marks u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, ikun bīżejjed li r-reklam jew l-offerta għal bejħi ikunu diretti lejn konsumaturi fit-territorju kopert mit-trade mark:
  - a) tali użu jikkonsisti fi jew jinkludi "iż-żamma ta' informazzjoni ipprovdu minn dak li jirċievi s-servizz" fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku?
  - b) jekk l-użu ma jikkonsistix esklusivament f'attivitajiet li jaqgħu fil-marġni tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, imma jinkludi dawn l-attivitajiet, l-operatur tas-suq online huwa eżenti mir-responsabbiltà sa fejn l-użu jikkonsisti f'dawn l-attivitajiet u, jekk ikun il-każ, jistgħu jitħallsu danni jew rimedji oħra finanzjarji fir-rigward ta' dan l-użu sakemm ma jkunx eżenti mir-responsabbiltà?

c) fċirkustanzi fejn l-operatur tas-suq online ikun jaf li prodotti ġew irreklamati, offerti għall-bejħi u mibjugħin fuq is-sit tiegħu bi ksur tat-trade marks reġistrati, u li l-ksur ta' tali trade marks irregġistrati huwa probabbli li jkompli jsir permezz ta' reklam, offerta għall-bejħi u bejħi tal-istess prodotti jew prodotti simili mill-istess

utenti jew utenti differenti tas-sit, dan jikkostitwixxi "tagħrif" jew "[kuxjenza]" fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku?

- 10) Fejn is-servizzi ta' intermedjarju bħal operatur ta' sit ikunu ġew użati minn terza persuna sabiex jiksru trade mark reġistrata, l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/48 (⁴) tal-Parlement Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali ("id-Direttiva fuq l-infurzar tad-drittijiet") jeħtieġ l-Istati Membri jiżguraw li l-proprietarju tat-trade mark ikun jista' jikseb ordni kontra l-intermedjarju sabiex jimpedixxi iktar ksur tal-imsemmija trade mark, meta mqabbel mal-kontinwazzjoni ta' dak l-att spċificu ta' ksur, u jekk ikun il-każ x'inhi l-portata tal-ordni li għandha ssir disponibbli?

(¹) L-ewwel Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liggiżiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks ĠU L 40, p. 1

(²) ĠU L 11, p. 1

(³) Direttiva tal-Kunsill, tas-27 ta' Lulju 1976, dwar l-approssimazzjoni tal-liggiżiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi ĠU L 262, p. 169

(⁴) ĠU L 157, p. 45

**Appell ippreżzentat fis-17 ta' Awwissu 2009 minn Iride SpA, li qabel kienet AMGA SpA, kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla Estiża) tal-11 ta' Ġunju 2009 fil-Kawża T-300/02, AMGA vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-329/09 P)

(2009/C 267/72)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

### Partijiet

Appellant: Iride SpA, li qabel kienet AMGA SpA (rappresentanti: L. Radicati di Brozolo u T. Ubaldi, avvocati)

Partijiet oħra fil-proċeduri: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, A2A SpA, li qabel kienet ASM Brescia SpA

### Talbiet tal-appellant

— tannulla s-sentenza fil-Kawża T-300/02 minħabba żnatura-ment tal-atti tal-proċess u żball fil-konsegwenzi legali li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet minn dawn l-atti fil-parti fejn tiddikkjara li Azienda Mediterranea Gas e Acqua S.p.A (AMGA) mhijiex individwalment ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata (¹) u li r-rikors li hija ppreżentat fil-Kawża T-300/02 huwa inammissibbli;

- tiddikjara ammissibbli r-rikors ippreżentat fil-Kawża T-300/02 u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu, skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti ssostni aggravju wieħed insostenn tal-appell tagħha, ibbaż fuq żnaturament tal-atti tal-proċess u żball fil-konseġwenzi legali li l-Qorti tal-Prim'Istanza ikkonkludiet mill-kons-tatazzjonijiet ineżatti magħmula fis-sentenza, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE u l-ġurisprudenza Komunitarja rilevanti. Skont Iride, b'mod partikolari, il-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat kompletament l-atti li hija ppreżentat għall-evalwaz-zjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tikkonferma il-klassifikazzjoni ta' AMGA bħala beneficijara effettiva ta' għajnuna individuali mogħtija abbażi tal-iskema inkwistjoni u li l-irkupru tagħha ġie ordnat mill-Kummissjoni. Minħabba l-iż-naturament tal-atti tal-proċess, il-Qorti tal-Prim'Istanza għalhekk żbaljatament ikkonkludiet il-konseġwenza legali li hija ma kinitx individwalment ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata, u għalhekk, li r-rikors tagħha kien inammissibbli.

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/193/KE tal-5 ta' Ġunju 2002 dwar għajnuna mill-Istat fil-forma ta' eżenzjonijiet fiskali u self b'kundizzjoni preferenzjali mogħtija mill-Italja lil impriżi tas-servizz pubbliku b'kapital azzjonarju, fil-parti l-kbira, pubbliku (ĠU 2003 L 77 p. 21)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Meiningen (il-Ġermanja) fit-24 ta' Awwissu 2009 — Frank Scheffler vs Landkreis Wartburgkreis**

**(Kawża C-334/09)**

(2009/C 267/73)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### **Qorti tar-rinvju**

Verwaltungsgericht Meiningen

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Frank Scheffler

Konvenut: Landkreis Wartburgkreis

### **Domandi preliminari**

Skont l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 91/439/KEE, (<sup>1</sup>) jista' Stat Membru jeżerċita l-awtorità tiegħu taħt l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/439/KEE — sabiex japplika id-dispożiżżjonijiet nazzjonali tiegħu dwar ir-restrizzjoni, is-sospensjoni, l-irtirar jew it-tħassir tad-dritt tas-sewqan għal possessur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor — fir-rigward ta' ċertifikat ta' kapaċità ta' sewqan ippreżentat mill-possessur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor jekk iċ-ċertifikat kien maħruġ wara d-data ta' ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan u huwa wkoll ibbaż fuq eżami tal-parti kkonċernata magħmūl wara l-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan, imma huwa relatat ma' fatti li saru qabel il-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan.

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 237, 24.8.1991, p. 1).

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Awissu 2009 minn Acegas-APS SpA, preċedentement Acqua, Elettricità, Gas e servizi SpA (Acegas) mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla Estiża) fil-11 ta' Ġunju 2009 fil-Kawża T-309/02, Acegas vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-341/09 P)**

(2009/C 267/74)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

### **Partijiet**

**Appellant:** Acegas-APS SpA, preċedentement Acqua, Elettricità, Gas e servizi SpA (Acegas) (rappresentanti: F. Ferletti u F. Spitaleri, avvocati, L. Daniele, professore)

**Appellata:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### **Talbiet tal-appellant**

- tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Ġunju 2009, Kawża T-309/02, ACEGAS APS vs Il-Kummissjoni, u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu tar-rikors;

- tikkundanna lill-Kummissjoni għad-drittijiet u l-ispejjeż tal-kawża ta' annullament u tirriżerva d-deċiżjoni dwar id-drittijiet u l-ispejjeż tal-kawża tal-ewwel istanza;

Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-kawża qiegħda fi stat li jippermettilha tiddeċiedi hija l-mertu tal-kawża,